**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 44/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**DC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' **DC** datat 4 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwġu nhar l-ewwel ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u wieħed u disgħin (01.06.1991) u miz-zwieġ tagħhom twieldu C u M li llum huma adulti u indipendenti;*

*Illi l-partijiet isseparaw definittavement permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Debono tal-għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (20.12.2010) (Dok A anness).*

*Illi skont klawsola ħdax (11) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu irrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin, filwaqt li l-manteniment li l-esponent kien obbligat jivversa għall-uliedu dejjem ġie onorat minnu;*

*Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-*

*għaliex illum huma għandhom ħajja separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **AC**, datata 21 ta' Lulju 2020, a fol 17, li taqra hekk:

1. *Illi hija taqbel mal-fatti kif elenkati fir-rikors ta' DC, inkluż li ma hemm l-ebda ċans ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*
2. *Illi l-esponent taqbel li l-ebda manteniment ma għadu dovut bejn il-kontendenti u li r-rikorrent dejjem ħallas il-manteniment tal-ulied sakemm dan kien dovut;*
3. *Illi għaldaqstant l-esponenti ma topponix għat-talba għall-ottjeniment tad-divorzju, għalkemm topponi għall-ispejjez tal-proċeduri odjerni.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**DC** xehed bil-proċedura tal-affidavit (fol 16) illi huwa u martu izzewwġu fl-1 ta' Ġunju 1991 u kellhom żewġt itfal, li illum għandhom X sena u Y sena rispettivament. Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment fl-20 ta' Diċembru 2010. Illi l-partijiet kienu ftehmu li ma jħallsux manteniment lil xulxin, u l-manteniment dejjem tħallas lit-tfal sakemm dawn kienu jistudjaw. Illi minn dakinhar tas-separazzjoni personali sa' llum, il-partijiet qatt ma rrikonciljaw u ma hemm l-ebda tama illum ghal tali rikonciljazzjoni.

**AC** xehdet bil-proċedura tal-affidavit (fol 18) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed **DC**.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

*adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-1 ta' Ġunju 1991 (Vide Dok 11) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum maġgorenni u indipendenti;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 20 ta' Diċembru 2010 (vide Dok. A fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**